MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 56/2002/1

Carmen Whiteford

Vs

Dottor Chris Cilia u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati nominati permezz ta' digriet tas-27 ta' Gunju, 2001 sabiex jirrapresentaw lill-assenti Alexander Whiteford

Il-Qorti,

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2002 meta t-talbiet attrici gew

michuda bl-ispejjes kontra taghha stante li l-attrici naqset li tressaq provi in sostenn ta' l-istess. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li kkunsidrat illi "*din il-kawza saret mill-attrici sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn il-konvenut assenti minhabba nkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, u inoltre rrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi u ngurji gravi lejha. Hija ppremettiet li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli htija tieghu. Illi hi talbet li tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti li fost affarijiet ohra tikkomprendi d-dar konjugali msemmija fic-citazzjoni u minhabba li huwa qatt ma ghaddilha xi forma ta' manteniment u minhabba li hi qed issostni li z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba fih qed titlob li din il-proprjeta' tigi assenjata lilha fl-intier taghha u l-bqija jigi diviz f'zewg porzjonijiet. Talbet li tigi awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha; kif ukoll li l-Qorti tordna lill-konvenut ihallasha manteniment u fl-ahharnett jigi dikjarat li hu ddekada mid-drittijiet tieghu elenkati fl-artikolu 48(1) tal-Kodici Civili.*

*"Illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2002 Dr. Leslie Cuschieri ghall-attrici ddikjara illi m'ghandux indirizz ta' fejn qieghed l-assenti. Il-kuraturi tieghu pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fejn eccepew illi huma m'humiex edotti mill-fatti.*

*"Illi f'din l-imsemmija seduta, il-Qorti tat digriet sabiex il-partijiet fi zmien erbghin gurnata kull wiehed jipprezentaw il-provi taghhom permezz ta' affidavits. Illi nonostante dan, tali digriet gie kompletament injorat u l-ebda provi ma gew ghalhekk prodotti f'din il-kawza. B'hekk din il-Qorti ma kelliex l-possibbilita' li tezamina u tiddecidi dwar it-talbiet attrici, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici minhabba assenza totali ta' provi.*"

L-attrici hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u fil-21 ta' Ottubru 2002 interponiet appell lil din il-Qorti fejn talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija previa l-akkoljiment tat-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati. L-aggravju tal-appellanti huwa principalment msejjes fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti ibbazat d-decizjoni taghha fuq allegata assenza totali ta' provi da parti taghha. Fl-ewwel lok gie sottomess li l-appellanti

kienet ottemperat ruhha mal-ordni moghti mill-Ewwel Qorti fid-9 ta’ Mejju 2002 u dana billi fl-24 ta’ Gunju ta’ l-istess sena kienet ghaddiet kopja ta’ nota b’affidavit u kuntratt lill-kuraturi deputati ta’zewgha l-konvenut appellat. Dawn tawha l-VISTO u din in-nota, kif ukoll l-affidavit u l-kopja tal-kuntratt tax-xiri tad-dar tal-partijiet f’Malta gew debitament pprezentati fir-Registru tal-Qorti kif jirrizulta mil-Cash Book mizmum fl-istess Registru u liema entrata iggib in-numru 2359/06/2002. Effettivament, minhabba xi nuqqas tal-amministrazzjoni tal-Qorti, din in-nota qatt ma dahlet fil-process tal-kawza u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza fit-termini precitati.

Fit-tieni lok l-appellanti qed tilminta wkoll mill-fatt li anke jekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha d-dokumenti minnha ezebiti, xorta wahda kien hemm in atti d-dikjarazzjoni guramentata taghha li kellha twassal l-Ewwel Qorti ghall-akkoljiment ta’ l-ewwel zewg talbiet u forsi anke talbiet ohra.

Illi mir-risposta intavolta mill-konvenuti nomine jirrizulta li lilhom kienet inghadditilhom kopja tal-affidavit u li dawn ma kienux irrispondew ghall-fatti hemm esposti stante li ma kellhom ebda bazi fuq xiex jikkontestaw it-talbiet attrici. F’dawn il-proceduri ta’ appell ghalhekk l-istess konvenuti nomine mhux qed jitlobu c-cahda tal-appell izda, fuq bazi ta’ lejalta` lejn il-kontro parti qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-provi u c-cirkostanzi rizultanti.

Illi mid-dokument ezebit mar-rikors ta’ l-appell jirrizulta li dak allegat mill-appellanti fir-rikors taghha huwa korretti u li n-nota imsemmija kienet dahlet fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta’ Gunju 2002 u cioe` zmien hafna qabel ma l-Ewwel Qorti ppronunzjat s-sentenza taghha. Illi mid-dicitura tad-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni jirrizultaw ukoll diversi fatti, mhux kkontestati, li setghu jwasslu lill-Ewwel Qorti ghall-akkoljiment ta’ whud mit-talbiet attrici u mhux li dawn, kif fil-fatt sar, jigu michuda totalment.

Illi mill-fuq espost jidher li l-appell interpost mill-attrici huwa gustifikat billi l-bazi tas-sentenza moghtija fit-2 ta’

Ottubru 2002 u cioe "*assenza totali ta' provi*" ma tirrizultax. B'dana kollu din il-Qorti ma tistax tghaddi ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici billi b'hekk tkun qed ittellef lill-partijiet d-dritt tad-doppio ezame.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li takkolji l-appell interpost minn Carmen Whiteford mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Carmen Whiteford vs Dottor Chris Cilia et nomine" tirrevoka l-istess sentenza u tirrinvia l-atti ta' din il-kawza lill-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment u decizjoni skond il-ligi.

L-ispejjes tal-Prim Istanza u ta' dan l-Appell ghandhom jigu sopportati nofs kull parti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------